**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 7 ta' Jannar 2016**

**Pulizija**

**Spettur Elton Taliana**

**Vs**

**Miloud Elforjani**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Miloud Elforjani ta' 33 sena, imwieled Tripoli, Libja, nhar it-23 ta' Ottubru 1992 bin Get u Fatma nee' Xuxan, bla residenza fissa, u detentur tal-karta tal-Identita' numru 135262 A;

Talli nhar il-21 ta' Novembru 2015, ghall-habta tat-3:00am f'San Giljan u fil-vicinanzi:

1) Bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq , wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' serq aggravate bil-valur, li jkun izjed minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu izda mhux aktar minn elfejn, tlitt mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu, bil-vjolenza, bil-hin, liema delitt ma giex

esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u dan ghad-dannu ta' Mohamed Ibrahim Abdalla;

2) Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq l-persuna ta' Mohamed Ibrahim Abdalla.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fis-7 ta' Jannar 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi l-parti leza irrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli f'dawn il-proceduri u dan in vista ta' verbal li sar fil-kawza fl-ismijiet inversi, ezebit f'dawn l-atti

Rat illi, ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti setghet tittratta mal-imputat b'mod sommarju;

Rat illi l-Qorti ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-partijiet kienu lahqu ftehim bejniethom, u xtaqu li l-konkluzjoni u s-sentenza moghtija fil-proceduri li kien hemm fil-konfront tal-parti leza jigu rispekkjati f'dawn il-proceduri;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 41, 261, 262, 267, 270, u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni  u qieghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien sena mil-lum ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tobbligah li jsomm il-kwiet mal-istess parti leza Mohammed Ibrahim Abdalla u jzomm il-bon ordni ma' kulhadd, ghal zmien sena mil-lum taht penali ta' elf Ewro jekk jonqos minn din l-obbligazzjoni..

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**